

Brussell, 5 ta' Diċembru 2014  
(OR. en)

16398/14

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2013/0140 (COD)**

---

**AGRI 762  
VETER 115  
AGRILEG 249  
ANIMAUX 60  
SAN 464  
DENLEG 186  
PHYTOSAN 65  
SEMENCES 42  
CODEC 2422**

## **NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	9464/13 - COM(2013) 265 final
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, regoli dwar is-saħħa u l-benessri tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti, dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti, u dwar prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nri 999/2001, 1829/2003, 1831/2003, 1/2005, 396/2005, 834/2007, 1099/2009, 1069/2009, 1107/2009, ir-Regolamenti (UE) Nri 1151/2012, [...] /2013 [Office of Publications, please insert number of Regulation laying down provisions for the management of expenditure relating to the food chain, animal health and animal welfare, and relating to plant health and plant reproductive material], u d-Direttivi 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE, 2008/120/KE u 2009/128/KE (Ir-Regolament dwar il-kontrolli uffiċjali) - Rapport ta' progress

---

## **I. INTRODUZZJONI**

1. Il-Presidenza tippreżenta hawnhekk ir-rapport tagħha dwar il-progress miksub waqt it-tieni nofs tal-2014 dwar il-proposta msemmija hawn fuq. Dan ir-rapport tfassal taħt ir-responsabbiltà tal-Presidenza u abbażi tal-pożizzjonijiet espressi fil-korpi preparatorji tal-Kunsill.

2. Il-Kummissjoni ppreżentat din il-proposta lill-Kunsill fis-6 ta' Mejju 2013, flimkien ma' valutazzjoni tal-impatt<sup>1</sup>. Din il-proposta hija parti minn pakkett li jinkludi wkoll is-saħħa tal-pjanti, il-materjal riproduttiv tal-pjanti, is-saħħa tal-annimali u n-nefqa fuq ikel u għalf. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 114 u l-Artikolu 168(4)(b) TFUE (proċedura legiſlattiva ordinarja).
3. L-għan tal-proposta huwa li tissimplifika u torganizza l-qafas legali eżistenti, sabiex titjieb l-effiċjenza ta' kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri tul il-katina tal-ikel filwaqt li jonqos il-piż għall-operaturi u jiġi żgurat li jkollhom kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni. Il-proposta għandha wkoll l-intenzjoni li tistabbilixxi sett uniku ta' regoli applikabbli għas-setturi kollha (b'mod partikolari, is-saħħa tal-pjanti, il-materjal riproduttiv tal-pjanti, prodotti sekondarji mill-annimali u l-biedja organika issa huma inklużi fil-proposta).
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-15 ta' April 2014. Din il-pożizzjoni ġiet sussegwentement ikkonfermata mill-Parlament Ewropew li għadu kif ġie elett f'Lulju 2014 u s-Sinjura Karin KADENBACH (S&D, AU) inġatret bħala r-relatriċi l-ġdida.
5. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni taw l-opinjoniġiet tagħhom fis-16-17 ta' Ottubru 2013 u fid-29 ta' Novembru 2013 rispettivament.
6. Erba' parlamenti nazzjonali taw opinjoniġiet dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.
7. Fil-Kunsill, il-proposta qed tiġi eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma konġunt ta' Esperti Veterinarji (Saħħa Pubblika) u Esperti Fitosanitarji<sup>2</sup>. Minħabba l-kumplessità tal-proposta u l-għadd ta' setturi differenti li ser tapplika għalihom, l-eżami fil-grupp ta' ħidma mexa b'mod parallel mal-konsultazzjoniġiet nazzjonali. Id-delegazzjoniġiet isibu hawn taħt sommarju tas-sitwazzjoni attwali ta' dan l-eżami.

---

<sup>1</sup> Il-valutazzjoni tal-impatt ġiet ippreżentata u diskussa fl-ewwel laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma Konġunt ta' Esperti Veterinarji (Saħħa Pubblika) u Esperti Fitosanitarji fit-13-14 ta' Ġunju 2013.

<sup>2</sup> Il-laqgħat taħt il-Presidenza Taljana saru fit-8-9 ta' Lulju, id-9-10 ta' Settembru, is-7-8 ta' Ottubru, id-29-30 ta' Ottubru, it-13-14 ta' Novembru u t-2-3 ta' Diċembru 2014. Barra minn hekk, fl-1 ta' Ottubru u l-25 ta' Novembru 2014, il-Presidenza Taljana tat rapport bil-fomm dwar is-sitwazzjoni attwali lill-Grupp ta' Ħidma tal-Uffiċjali Kapijiet Veterinarji.

## II. IS-SITWAZZJONI ATTWALI

8. Hi u tibni fuq il-ħidma tat-tliet Presidenzi preċedenti u anki filwaqt li tqis id-diskussjonijiet mad-delegazzjonijiet u l-kontribut bil-miktub tagħhom, il-Presidenza Taljana kompliet tippreżenta suġġerimenti għall-riformulazzjoni tat-test bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 19, 20, 21, 22, 24 u l-Artikoli 138 to 162<sup>3</sup>.
9. Ħafna mis-suġġerimenti tal-Presidenza Taljana ġew appoġġati minn maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet, li ġeneralment ikkunsidrawhom pass fid-direzzjoni t-tajba. B'mod partikolari, is-suġġerimenti għar-riformulazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar kontrolli uffiċjali fuq annimali u oġġetti li jidħlu fl-Unjoni rċivew appoġġ mifruż (l-Artikoli 42 sa 75)<sup>4</sup>.
10. Madankollu, jidher b'mod ċar li hemm bżonn ta' aktar ħidma fuq xi dispożizzjonijiet, minkejja l-aħjar sforzi tal-Presidenza Taljana:
  - a) dispożizzjonijiet dwar il-finanzjament tal-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra (l-Artikolu 76 sa 84);

---

<sup>3</sup> Id-dokumenti li ġejjin li fihom riformulazzjoni suġġerita ġew eżaminati matul il-Presidenza Taljana:

- l-Artikoli 1 sa 14 u l-Artikoli 25 sa 63: 8221/14 + REV 1 + REV 2 + REV 3
- l-Artikoli 15, 16, 17, 18 u 23: 11312/14 + REV 1 + REV 2 + REV 3 + REV 4
- l-Artikoli 64 sa 75: 9940/14 + REV 1
- l-Artikoli 76 sa 84: 10131/14 + REV 1 + REV 2 + REV 3 + REV 4 + REV 5 + REV 6
- l-Artikoli 85 sa 99: 11895/14 + REV 1
- l-Artikoli 100 sa 128: 12209/14 + REV 1
- l-Artikoli 129 sa 137: 13603/14.

<sup>4</sup> F'dan l-istadju, xi delegazzjonijiet iżommu riżervi parlamentari u/jew ta' skrutinju dwar partijiet tar-riformulazzjoni suġġerita.

Skont il-proposta tal-Kummissjoni, l-Istati Membri huma meħtieġa jiżguraw li jkunu disponibbli rizzorsi finanzjarji adegwati għal kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra. Hi u tibni fuq ir-Regolament attwali (KE) Nru 882/2004, li jistabbilixxi t-tariffi minimi obligatorji għal kontrolli uffiċjali fuq ċerti attivitajiet, il-Kummissjoni tipproponi li testendi tariffi obligatorji għal operaturi fil-katina agroalimentari għax huma jibbenefikaw direttament minn kontrolli uffiċjali mwettqa b'mod effiċjenti. Madankollu, il-proposta tipprevedi li l-mikrointrapriżi jkunu eżentati milli jħallsu dawk it-tariffi. Barra minn hekk, il-proposta tistipula li t-tariffi jiġu stabbiliti b'rata fissa abbażi tal-ispejjeż ġenerali jew inkella kkalkulati abbażi ta' spejjeż attwali ta' kontrolli uffiċjali individwali, u b'mod trasparenti.

Il-Presidenza Taljana għamlet kull sforz biex tgħaqqad il-fehmiet differjenti fost l-Istati Membri dwar din il-kwistjoni importanti. Għalkemm id-delegazzjonijiet kollha għarfu li għandhom ikunu disponibbli rizzorsi finanzjarji adegwati għal kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra, la setgħu jaqblu fuq il-limitu ta' finanzjament li għandu jiġi kopert mit-tariffi obligatorji u lanqas fuq is-setturi u l-attivitajiet li għandhom jkun hemm tariffi fuqhom. Sussidjarjetà sħiħa ma kinitx għażla lanqas, anki jekk ħafna delegazzjonijiet kienu tal-fehma li għandhom jiġu pprovduti flessibbiltà u sussidjarjetà adegwati.

- b) dispożizzjonijiet speċifiċi dwar ir-**rwol tal-veterinarju uffiċjali** fil-prestazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq annimali ħajjin u prodotti ġejjin mill-annimali fl-Unjoni u fuq il-fruntieri tal-Unjoni (l-Artikoli 15, 47 u 53);

Skont il-proposta tal-Kummissjoni, ċerti kompiti involuti fit-twettiq ta' kontrolli uffiċjali jistgħu jsiru mill-veterinarju uffiċjali, taħt is-supervizzjoni tiegħu jew taħt ir-responsabbiltà tiegħu, jew anki minn persunal kwalifikat u mħarreġ ieħor magħżul mill-awtoritajiet kompetenti. Ir-raġunament wara dan huwa li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jagħmlu użu effiċjenti mir-riżorsi umani disponibbli. Ħafna delegazzjonijiet oġġezzjonaw għal din il-flessibbiltà miżjuda, billi saħqu li l-veterinarju uffiċjali għandu jibqa' l-attur ewlieni għal kontrolli uffiċjali fuq annimali ħajjin u prodotti li ġejjin mill-annimali. B'mod partikolari, il-maġġoranza tad-delegazzjonijiet ikkonfermaw il-prinċipju li l-ispezzjoni ante-mortem ta' annimali ħajjin waqt it-tbiċċir għandha ssir biss minn veterinarju uffiċjali. Madankollu, dawn id-delegazzjonijiet jistgħu jaċċettaw il-possibbiltà li jiġu stabbiliti kriterji u kundizzjonijiet li jiddevjaw minn dan il-prinċipju f'att delegat. Ftit delegazzjonijiet insistew li tinżamm ftit flessibbiltà u ssuġġerew li minflok jiffukaw fuq rekwiżiti ta' taħriġ armonizzati għall-persunal li jwettaq il-kompiti inkwistjoni.

- c) **regoli speċifiċi għal kontrolli uffiċjali u azzjoni meħuda mill-awtoritajiet kompetenti** fis-setturi differenti koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta (l-Artikoli 15 sa 24):

Taħt il-proposta tal-Kummissjoni, ir-regoli speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali u l-azzjoni meħuda mill-awtoritajiet kompetenti għas-setturi speċifiċi koperti kellhom jiġu adottati permezz ta' atti delegati. Biex jindirizzaw il-preokkupazzjonijiet imqajma minn ħafna mid-delegazzjonijiet dwar dan, il-Presidenza Taljana pproponiet li ħafna mir-regoli speċifiċi attwali jiddaħħlu fl-att bażiku, u b'hekk jiġi limitat l-għadd ta' għotjiet ta' setgħat. Dik il-proposta ntlagħhet.

Konsegwentement, tressqu u ġew diskussi suġġerimenti għar-riformulazzjoni għall-Artikoli 15, 16, 17, 18 u 23. Madankollu, id-dispożizzjonijiet speċifiċi dettaljati ser jirrikjedu aktar ħidma.

### III. KONKLUŻJONI

11. Il-Presidenza Taljana għamlet l-almu tagħha biex tmexxi 'l quddiem id-diskussjoni teknika dwar din il-proposta kumplessa. Inkiseb progress sostanzjali fuq diversi punti u l-ħidma li saret għenet biex jiġu ċċarati l-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet dwar ħafna kwistjonijiet oħrajn. Madankollu, minħabba t-tul u l-kumplessità ta' ħafna mid-dispożizzjonijiet tekniċi tal-proposta, ser jinħtieġ ħidma addizzjonali.
  12. Il-ħidma mwettqa taħt il-Presidenza Taljana ser isservi ta' bażi soda għall-kontinwazzjoni u l-finalizzazzjoni tal-ħidma teknika fil-futur qrib.
  13. Il-Presidenza tistieden lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) jieħu nota tal-intenzjoni tagħha li tippreżenta r-rapport ta' progress tagħha lill-Kunsill.
-